# *51 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali*

*Keith Muscat*

Peress li s-sena l-oħra (2013) il-ktieb tal-festa ma giex ippubblikat minhabba li l-festa thassret, deherli li l-okkazzjoni tal-50 sena mill-konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali kelli nsemmi xi haga fuqa fil-ktieb ta' din is-sena (2014),

Meta fi żmien il-Kappillan P. Dumink Bonello, nhar is-Sibt 4 ta' Mejju 1963, Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi kkonsagra l-artal maġġur, fuq l-artal tpoġġew l-għadam tal-qaddisin S. Ġjokondu u S. Prudenzju. Iċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni bdiet fl-4.00pm, bit-tberik ta' l-ilma barra l-bieb tal-knisja u wara Mons. Arċisqof ikkonsagra t-tnax-il salib. Il-funzjoni ntemmet b'quddiesa solenni minn Mons. Arċisqof. Is-slaleb tal-konsagrazzjoni kienu saru u twaħħlu fil-knisja fl-1944, fi żmien il-Kappillan P. Bernardu Debrincat u swew L 89.


San Ġjokondu

L-Armata tal-barbari attakkat parti minn Gallia (Gaul, illum parti minn Franza) u għamlu ħerba mill-belt ta' Rhiems. Nicasius, l-Isqof tal-post, ppreveda dan l-attakk permezz ta' viżjoni li kellu u pprepara lill-fidili permezz tat-talb u l-penitenza. Meta l-barbari daħlu fil-belt, Nicasius ma' kkunsidrax li jsalva ġildu iżda beda jdur lill-familji bieb bieb sabiex jara l-bżonnijiet spiritwali tan-nies. Meta n-nies staqsewh jekk kellhomx iċedu jew jibqgħu jiġġieldu, l-Isqof, li kien jaf li l-belt kellha taqa', qallhom sabiex jafdaw fil-ħniena ta' Alla u jitolbu għall għedewwa. Meta l-barbari waslu sal-bieb tal-knisja, Nicasius ħareġ biex jipprova jsalva n-nies li nġabru ġewwa, iżda l-infidili qatgħulu rasu. San Fjorenzju id-djaknu tiegħu u San Gjokondu il-lettur kienu mmassakrati magenbu. Oħtu, Santa Eutropja, mietet martri f'dak il-jum ukoll. Il-festa ta' San Ġjokondu tiġi ċċelebrata fl-14 ta' Diċembru.

**San Prudenzju (AD. 700)**

Prudenzju qabel ġie ordnat saċerdot qatta' ħafna snin bħala eremita. Tul ħajtu kiseb fama ta' qdusija u kien ikkonsagrat Isqof ta' Tarażona f'Aragona, Spanja. San Prudenzju huwa l-qaddis protettur ta' Tarażona.